25 ta' Ġunju, 1984

**Imħallfin:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. - Aġent President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Warwick Beattie

*versus*

Joseph Cassar *et noe*

## Mistoqsija - Domanda - Digriet Interlokutorju

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat digriet interlokutorju ta' l-Ewwel Qorti fuq mistoqsija li saret waqt udjenza quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-ewwel parti tad-domanda setgħet tixħet dawl fuq l-allegazzjoni ta' l-attur kif dedotta u dan apparti l-fatt illi kif inhu risaput f'każijiet analogi, il-Qorti ta' l-Appell ma għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi li ma kinux jirrikorru fil-każ in eżami.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors li permezz tiegħu l-konvenuti, fil-kapaċità tagħhom hawn fuq imsemmija, appellaw mid-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-10 ta' Novembru, 1982, li permezz tiegħu l-Ewwel Onorabbli Qorti ammettiet bħala rilevanti domanda li l-avukat ta' l-attur talab li jagħmel lill-konvenut Joseph Cassar (u li ġiet ivverbalizzata fl-udjenza ta' l-istess data), u dana wara li kkunsidrat li minħabba n-natura tal-każ u ta' l-eċċezzjoni imqajma mill-konvenuti, id-domanda titfa

dawl fuq il-materja in kwistjoni; u talbu li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmi digriet interlokutorju, u minflok tiddeċidi li d-domanda li għamel l-avukat ta' l-attur hija rrilevanti u b'hekk tiġi miċħuda, bl-ispejjeż ta' l-inċident fiż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat, li biha qal illi r-rikors ta' l-appellanti għandu jiġi rriġettat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat l-atti tal-proċess;

Semgħet lill-avukati tal-kontendenti; u

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa appell minn digriet interlokutorju, li permezz tiegħu l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ippermettiet lill-avukat ta' l-attur jagħmel id-domanda li ġejja lill-konvenut Joseph Cassar. Id-domanda hija din:

"Tista' tgħid jekk kemm-il darba dan iċ-ċekk ġiex irreġistrat fil-kotba tad-ditta Marsovin Ltd., u jekk l-import ta' dan iċ-ċekk ġiex imbagħad addebitat fil-kont tiegħek personali mad-ditta?";

Dan iċ-ċekk jirreferi għal dak li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta ħallset lill-kuntrattur li għamel ix-xogħol tat-twaqqigħ tal-fond in kwistjoni;

Il-konvenuti appellanti jissottomettu li din id-domanda tesorbita għal kollox mill-meritu tal-kawża, li hija intiża għar-risarċiment ta' danni naxxenti mit-twaqqigħ tal-fond adjaċenti

għal dak ta' l-attur. Jiema fond irriżulta u huwa paċifiku bejn il-partijiet. li jappartjeni lill-konvenut Joseph Cassar personalment u rriżulta ukoll li x-xogħol ta' twaqqigħ sar mill-kuntrattur Carmelo Galea: u, billi s-soċjetà konvenuta għandha personalità ġuridika u distinta minn dik ta' l-azzjonisti, din ma tista' qatt tkun b'xi mod responsabbli għad-danni kkaġunati mit-twaqqigħ ta' fond ta' wieħed mill-azzjonisti tagħha. Id-domanda hija ntiża biss biex tinvestiga r-relazzjonijiet interni bejn il-kumpannija u l-azzjonist. materja li m'għandha x'taqsam xejn mal-meritu;

L-attur appellat jissottometti li ċ-ċitazzjoni ġiet magħmula kontra s-soċjetà li ddemoliet il-fond in kwistjoni, u d-domanda li jrid jagħmel hija intiża biex issir din il-prova;

Illi. minn eżami taċ-ċitazzjoni. jidher li l-attur qed jagħmel erba' talbiet: (1) li jiġi ddikjarat li l-ħsara li sofra l-fond tiegħu hija konsegwenza ta' l-operat tal-konvenuti *nomine* meta ħattew il-*ħlat* kontigwu: (2) likwidazzjoni tad-danni; (3) ħlas tas-somma hekk likwidata bħala *kumpens* għall-istess danni; u (4) biex jittieħdu miżuri rimedjali mill-istess konvenuti *nomine*;

Issa. l-ewwel parti tad-domanda tista' tixħet dawl fuq l-allegazzjoni ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni ċertament b'riferenza għall-ewwel talba jekk mhux għat-talbiet l-oħrajn ukoll. Filwaqt li t-tieni parti ta' l-istess domanda tista' tgħin jew tixħet dawl fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti. Għalhekk. apparti l-fatt illi. kif inhu risaput f'każijiet analogi din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi - li fil-fatt ma jirrikorrux fil-każ in eżami - id-domanda li l-attur qed jitlob li jagħmel lix-xhud hija rilevanti għall-kawża;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-10 ta' Novembru, 1982, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuti appellanti.

---